



# L-Aħjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi

Kategorija tal-prassi Metodoloġija Innovattiva ta' Taħriġ

Tip ta' prassi: Prassi tajba

Pajjiż: Il-Ġermanja

April, 2014

<b>Isem tal-prassi</b>	Komunikazzjoni fuq il-MeZZI tax-Xandir – Taħriġ Interattiv fil-Midja Fuq Diversi Livelli
<i>Karatteristiki ewlenin:</i>	<p><b>Fil-Ġermanja</b>, jiġu organizzati sessionijiet ta' taħriġ interattiv fil-midja, li jdumu minn erba' sa ġamarrha. Normalment, ikun hemm preżenti minn tal-inqas żewġ ħarrieġa speċjalizzati fil-midja (li ħafna drabi jkunu ġurnalisti), u l-parteċipanti jitqassmu fi gruppi ta' ħidma tematiċi fuq bażi ta' "rotazzjoni" ta' mhux aktar minn 8 sa 12-il persuna (dan ifisser li sal-aħħar tal-kors, kull parteċipant ikun ittratta kull tema b'mod attiv).</p> <p>Il-filmati u l-feedback individwali jenfasizzaw il-punti b'saħħithom kif ukoll l-iżbalji jew in-nuqqasijiet. Fost it-temi tipiċi ttrattati minn grupp ta' ħidma interattiv hemm: "Kif twieġeb għal intervista fuq it-televiżjoni jew fuq ir-radju", "Kif tagħmel dikjarazzjoni fuq it-televiżjoni", "Kif tagħmel stqarrija għall-istampa", "Kif tippreżenta kap tal-qorti ġdid", "Kif iżżomm lill-pubbliku informat waqt li tħares id-drittijiet tal-protezzjoni tad-dejta", "Titgħallek tkampa ma' kontropartijiet aggressivi", eċċ.</p>
<i>Dettalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i>	Akkademja Ġudizzjarja Ġermaniża Ċentru tal-Konferenzi ta' Trier (Istitut tal-Istat Federali tar-Rhineland-Palatinate) Berliner Allee 7, 54295 Trier Il-Ġermanja Telefon: + 49 65 1 93 61 119 Faks: + 49 65 1 30 02 10 Posta Elettronika: <a href="mailto:trier@deutsche-richterakademie.de">trier@deutsche-richterakademie.de</a> Websajt: <a href="http://www.deutsche-richterakademie.de">http://www.deutsche-richterakademie.de</a>

	<p>Ċentru tal-Konferenzi ta' Wustrau (Istitut tal-Istat Federali ta' Brandenburg) Am Schloss 1, D-16818 Wustrau Il-Ġermanja Telefon: + 49 33 92 5 8 97 333, Faks: + 49 33 92 5 8 97 202 Posta elettronika: <a href="mailto:wustrau@deutsche-richterakademie.de">wustrau@deutsche-richterakademie.de</a> Websajt: <a href="http://www.deutsche-richterakademie.de">http://www.deutsche-richterakademie.de</a></p>
<i>Kummenti oħrajn</i>	<p>Għat-taħriġ fil-midja, il-kunċett ta' <i>tagħlim bil-prattika</i> kulma jmur qed isir aktar rilevanti mill-biċċa l-kbira tal-“ħiliet soċjali” (soft skills) l-oħra. Ħafna drabi, l-imħallfin u l-prosekuturi ma jkunux l-iqtar komunikaturi naturali, u sfortunatament l-interventi pubbliċi imbarazzanti f'dan il-qasam jiġru pjuttost ta' spiss. Barra minn hekk, l-imħallfin u l-prosekuturi spiss jittrattaw kwistjonijiet sensittivi u delikati ħafna. Jeħtieġ li kwalunkwe forma ta' protezzjoni tad-dejta tiġi rrikonċiljata mal-bżonn leġġitimu tal-pubbliku ġenerali li jinżamm informat. Taħriġ fil-midja fuq diversi livelli u orjentat lejn il-prattika, li jiffoka fuq xejriet tipiċi u li jittejjeb b'feedback oġġettiva, jippermetti lill-parteċipanti jiksbu xi tip ta' rutina u jħossuhom iktar kunfidenti quddiem il-kamera jew f'konferenza stampa.</p> <p>Din il-<b>PRASSI TAJBA</b>, li ġiet stabilita biex tindirizza ċerti problemi, hija effikaċi iżda relattivament għolja minħabba r-riżorsi loġistiċi li tinvolvi. Hija tista' timmira lejn grupp żgħir biss ta' parteċipanti kull darba u hi partikolarment maħsuba għall-maġistrati li jaġixxu bħala kelliema għall-qrat u għall-uffiċċji tal-prosekuzzjoni.</p>

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi", magħmul min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)